Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,853, 5 ta' Ġunju, 1981
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XVII ta' l-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jikkontrolla u jirregola l-impriża ta' l-assigurazzjoni u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħha jew huma anċillari għaliha.

ACT No. XVII of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to regulate the business of insurance and to provide for matter connected therewith or ancillary thereto.

ATT TA' L-1981 DWAR L-IMPRIŻA TA' L-ASSIGURAZZJONI

Arranġamenti ta' Artikoli

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.
3. Liċenzi għat-tmexxija ta' l-impriża ta' assigurazzjoni.
4. Applikazzjoni għal liċenza.
5. Għoti ta' liċenzi.
6. Dwar dak li għandu x'jaqsam ma' kumpanniji liċenzjati li jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Ministru.
7. Tħassir u sospensjoni ta' liċenza.
8. Fondi ta' riżerva u fondi oħra li għandhom jinżammu minn kumpanniji ta' assigurazzjoni.
9. Marġini ta' solvibbilità.
10. Ħlas ta' dividendi.
11. Attiv li mhux ammissibbli.
12. Investimenti.
13. Riżervi ta' kumpanniji ta' assigurazzjoni.
14. Limiti ta' riskju wieħed.
15. Rijassigurazzjoni.
16. Sena finanzjarja u pubblikazzjoni ta' kontijiet.
17. Udituri.
18. Eżami ta' l-affarijiet ta' kumpannija liċenzjata.
19. Rapporti minn spetturi.
20. Kumpanniji li ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tagħhom.
21. Setgħat tal-Ministru biex iħares l-interess pubbliku.
22. Irtir ta' kumpannija liċenzjata.
23. Sensala u bejjiegħa ta' assigurazzjoni.
24. Sospensjoni jew revoka ta' awtorità mogħtija taħt l-artikolu 23.
25. Regolamenti.
26. Fond ta' Assigurazzjoni.
27. Reati minn diretturi u *managers*.
28. Ġbir ta' penalitajiet.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

5 ta' Ġunju, 1981

ATT Nru. XVII ta' l-1981

ATT biex jikkontrolla u jirregola l-impriża ta' l-assigurazzjoni u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħha jew huma anċillari għaliha.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"aġent" dwar l-impriża ta' l-assigurazzjoni tinkludi kull persuna li taġixxi f'isem, jew minflok, jew bħala rappreżentant ta', persuna oħra;

"l-assigurat" tfisser il-parti li lilha, jew li dwarha, jew li lil benefiċjarji tagħha, somma ta' flus jew ħlas ieħor ikollu jitħallas taħt kuntratt ta' assigurazzjoni meta tiġri ġrajja speċifikata;

"l-assiguratur" tfisser il-parti f'kuntratt ta' assigurazzjoni li tiftiehem li tħallas somma ta' flus jew ħlas ieħor meta tiġri ġrajja speċifikata;

"bejjiegħ ta' assigurazzjoni" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 23 ta' dan l-Att;

"direttur" tinkludi kull persuna li jkollha l-kariga ta' direttur ta' kumpannija, ikun x'ikun l-isem li tissejjaħ, li jkollha s-setgħa li sostanzjalment tagħmel l-istess funzjonijiet dwar id-direzzjoni tal-

kumpannija bħal dawk li jsiru minn direttur, u, dwar kumpannija reġistrata jew inkorporata barra minn Malta, tinkludi membru ta' Bord lokali u l-aġent ta' dik il-kumpannija;

"impriża ta' l-assigurazzjoni" tfisser l-eġħmil ta', jew proposta li jsir, sew bħala prinċipal jew bħala aġent, xi kuntratt ta' assigurazzjoni jew rijassigurazzjoni, u tinkludi kull negozju jew kummerċ li jitmexxa dwarha jew li hu anċillari għaliha jew li hu ġeneralment magħruf bħala assigurazzjoni;

"kumpannija" tinkludi kumpannija lokali u kumpannija barranija;

"kumpannija barranija" tfisser korp magħqud li jixbah fixxorta tiegħu lil soċjetà anonima li jkun reġistrat jew inkorporat pajjiż jew taħt il-liġijiet ta' xi pajjiż barra minn Malta u li jkun ħares id-disposizzjonijiet ta' kull liġi applikabbli għal dik il-kumpannija li għal dak iż-żmien tkun fis-seħħ f'Malta, u tinkludi għaqda ta' *underwriters* individwali approvata mill-Ministru għallfinijiet ta' dan l-Att;

"kumpannija lokali" tfisser soċjetà anonima kostitwita u reġistrata f'Malta skond il-liġi li għal dak iż-żmien tkun fis-sehh f'Malta;

"kuntratt ta' assigurazzjoni" tfisser ftehim fejn parti tiftiehem, b'korrispettiv, li tħallas lil jew akkont ta' parti oħra jew lil benefiċjarji, somma ta' flus jew ħlas ieħor, sew jekk bħala indennizz kontra telf, ħsara jew danni jew xort'oħra, meta tiġri ġrajja speċifikata li dwarha jkun hemm element ta' inċertezza dwar meta ser tiġri jew jekk tiġrix;

"liċenza" dwar l-impriża ta' l-assigurazzjoni, tfisser liċenza mogħtija taħt dan l-Att; u "detentur ta' liċenza" għandha tiftiehem f'dan is-sens;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi, u sallimitu ta' l-awtorità mogħtija, tinkludi kull persuna awtorizzata mill-imsemmi Ministru għal hekk;

"*premium*" tfisser il-ħlas li jsir taħt kuntratt ta' assigurazzjoni;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti taħt dan l-Att;

"Qorti" tfisser il-Qorti tal-Kummerċ;

"rati ta' assigurazzjoni" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 25 ta' dan l-Att;

"rijassigurazzjoni" huwa kuntratt li bih assiguratur jassigura r-riskju assigurat minnu, jew parti minn dak ir-riskju, ma' assiguratur ieħor;

"sensal ta' assigurazzjoni" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bil-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 23 ta' dan l-Att;

"spettur" tfisser persuna hekk maħtura mill-Ministru taħt l-artikolu 18 ta' dan l-Att;

"uffiċjal" dwar kumpannija, tinkludi direttur, *manager* u segretarju.

(2) Meta kumpannija barranija ma tmexxi f'Malta ebda parti mill-impriża ta' assigurazzjoni ħlief dik ta' rijassigurazzjoni mqegħda magħha minn kumpannija liċenzjata, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att m'għandhomx japplikaw għaliha ħlief safejn dawn japplikaw b'mod speċifiku għal rijassigurazzjoni u safejn jiġi hekk preskritt minn żmien għal żmien.

Liċenzi għat-tmexxija ta' l-impriża ta' assigurazzjoni.

3. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ebda impriża ta' assigurazzjoni ma għandha titmexxa f'Malta ħlief jew —

(a) direttament, minn kumpannija li jkollha liċenza li tkun fis-seħħ mogħtija mill-Ministru taħt dan l-Att li tawtorizza lil dik il-kumpannija li tmexxi dik l-impriża; jew

(b) bħala aġent ta' kumpannija barranija awtorizzata kif intqal qabel, minn kumpannija lokali li hi stess ikollha liċenza li tkun fis-seħħ mogħtija mill-Ministru taħt dan l-Att li tawtorizzaha li tagħmilha ta' aġent ta' dik il-kumpannija; jew

(ċ) dwar rijassigurazzjoni mgħoddija minn kumpannija liċenzjata, minn kumpannija barranija approvata mill-Ministru għall-finijiet ta' dan l-Att taħt dawk il-kondizzjonijiet u għal dak iż-żmien li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jimponi jew jistabbilixxi jew kif jiġi preskritt, u li dwarha tkun fis-seħħ approvazzjoni bħal dik.

(2) Ebda kumpannija ma għandha tmexxi f'Malta xi parti mill-impriża ta' assigurazzjoni li ma tkunx b'mod speċifiku jew ġenerali liċenzjata li tmexxi; lanqas ma għandha tmexxi f'Malta l-impriża ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u mhux fuq il-ħajja, jew ġenerali, kemm-il darba ma tkunx speċifikament hekk awtorizzata bil-liċenza.

(3) Meta kumpannija lokali tkun liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni biss u esklużivament barra minn Malta, il-Ministru jista', suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet u għal dak il-perijodu li jista' minn żmien għal żmien jimponi jew jistabbilixxi, jeżenta lil dik il-kumpannija mid-disposizzjonijiet kollha ta' dan l-Att jew minn waħda jew uħud minnhom, u jista' wkoll f'kull żmien jirrevoka jew jibdel kull eżenzjoni hekk mogħtija.

(4) Meta kumpannija tkun qed tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni f'Malta fid-data li fiha jibda jseħħ dan l-artikolu u tapplika jew, skond il-każ, kemm il-prinċipal kif ukoll l-aġent japplikaw għal liċenza fiż-żmien u xort'oħra skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew meta persuna, barra minn kumpannija, tkun qed tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni f'Malta, fid-data li fiha jibda jseħħ dan l-artikolu u tifforma kumpannija u tapplika, jew, skond il-każ, kemm il-prinċipal kif ukoll l-aġent jiffurmaw kumpannija u japplikaw għal liċenza fiż-żmien u xort' oħra skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, allura s-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma japplikax għal dik il-kumpannija jew għal dik il-persuna kemm-il darba u sakemm il-Ministru ma jgħarrafx lill-imsemmija kumpannija jew lill-imsemmija persuna li ċ-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu japplikaw jew jirrifjuta li jagħti l-liċenza li għaliha tkun saret l-applikazzjoni, skond liema tkun l-ewwel data.

(5) Fil-każ ta' dubju dwar jekk tkunx qed titmexxa jew le impriża ta' assigurazzjoni, jew jekk din tkunx qed titmexxa f'Malta jew le, il-kwistjoni tiġi deċiża mill-Ministru u d-deċiżjoni tiegħu dwarha tkun finali u konkluživa għall-finijiet kollha tal-liġi.

(6) Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u kull persuna li xjentement tieħu sehem, jew tgħin jew tħajjar li jsir dak il-ksur, teħel dwar kull reat, penali ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn elf lira u f'każ ta' reat li jkompli sejjer penali oħra ta' mhux iżjed minn elf lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Applikazzjoni għal liċenza.

4. (1) Kull kumpannija jew persuna oħra li tkun qed tmexxi impriża ta' assigurazzjoni f'Malta fid-data li fiha jibda jseħħ l-artikolu 3 ta' dan l-Att u li tkun bi ħsiebha tkompli tmexxi dik l-impriża għandha,

fi żmien tliet xhur wara dik id-data, fil-każ ta' kumpannija, tagħmel applikazzjoni bil-miktub lill-Ministru għal liċenza taħt dan l-Att u, fil-każ ta' persuna li ma tkunx kumpannija, tagħmel kumpannija u tagħmel applikazzjoni bil-miktub lill-Ministru għal liċenza taħt dan l-Att, fejn tgħid jekk il-liċenza li tkun qed issir applikazzjoni għaliha hijiex biex titmexxa l-impriża bħala prinċipal jew bħala aġent, u fil-każ ta' l-aħħar tagħti l-isem jew l-ismijiet tal-prinċipal, u l-klassi jew il-klassijiet ta' impriżi ta' assigurazzjoni li tkun qed issir applikazzjoni għalihom.

(2) Kull kumpannija li tkun trid tibda impriża ta' assigurazzjoni f'Malta wara d-data li fih jibda jseħħ l-artikolu 3 ta' dan l-Att għandha, qabel ma tibda xi impriża bħal dik, tagħmel applikazzjoni bil-miktub lill-Ministru għal liċenza taħt dan l-Att, fejn tgħid jekk il-liċenza li tkun qed issir applikazzjoni għaliha hijiex biex titmexxa l-impriża bħala prinċipal jew bħala aġent, u fil-każ ta' l-aħħar tagħti l-isem jew l-ismijiet tal-prinċipal, u l-klassi jew il-klassijiet ta' impriża ta' assigurazzjoni li tkun qed issir applikazzjoni għalihom.

(3) L-applikazzjonijiet kollha għal liċenza għandu jkollhom magħhom kopja tal-*memorandum* u ta' l-istatut ta' assoċjazzjoni jew dokument ieħor li bih il-kumpannija tkun ikkostitwita, li jkun fihom iż-żidiet kollha jew it-tibdil kollu li jkun sar fihom, ċertifikati kif imiss b'dikjarazzjoni magħmula minn uffiċjal għoli tal-kumpannija, u, jekk il-kumpannija tkun f'dak iż-żmien tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni, sew f'Malta sew x'imkien ieħor, l-applikazzjoni għandu jkollha magħha kopja ta' l-aħħar *balance sheet* jew dikjarazzjoni finanzjarja oħra li turi l-qagħda tal-kumpannija, verifikati kif imiss.

(4) Applikant għal liċenza għandu minnufih javża lill-Ministru, bil-miktub, b'kull żieda jew tibdil fil-*memorandum* jew fl-istatut ta' assoċjazzjoni jew dokument ieħor imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu u b'kull tibdil f'xi tagħrif ieħor mogħti mill-Ministru, u jagħti dettalji ta' kull żieda jew tibdil ieħor bħal dak.

(5) Meta jkun qed jikkunsidra applikazzjoni għal liċenza, il-Ministru jista' jeħtieġ lill-kumpannija li tagħtih dak it-tagħrif u b'dak il-mod li jidhirlu xieraq.

Għoti ta' liċenzi.

5. (1) Ebda liċenza biex titmexxa l-impriża ta' assigurazzjoni bħala prinċipal ma għandha tingħata jew tinżamm taħt dan l-Att kemm-il darba —

(a) fil-każ ta' kumpannija lokali, il-kapital azzjonarju mħallas ma jkunx mhux inqas minn żewġ miljun lira u l-kumpannija jkollha f'kull żmien, attiv mhux mittiefes li jkun għall-inqas daqs dak l-ammont;

(b) fil-każ ta' kumpannija barranija, il-kumpannija ma żżommx u ma tiggarantix li żżomm, għas-sodisfazzjon tal-Ministru, f'Malta f'kull żmien matul iż-żmien li jkollha l-liċenza u mill-fondi tagħha stess, attiv mhux mittiefes li jammonta għal mhux inqas minn erbgħin fil-mija (40%) mid-dħul gross tal-*premiums* f'Malta fis-sena kalendarja ta' qabel wara li jitnaqqas minnu l-ammont ta' rijassigurazzjoni mgħoddi mill-kumpannija f'dik is-sena skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att, jew ħamsin elf lira skond liema jkun l-ogħla ammont dwar assigurazzjoni mhux marbuta mal-ħajja u, dwar assigurazzjoni marbuta mal-ħajja, attiv mhux mittiefes li jammonta għal mhux inqas minn tletin u mhux iżjed minn ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) kif il-Ministru minn żmien għal żmien b'ordni jiddeċiedi ta' dik il-parti tal-fond ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja li hu meħtieġ li jinżamm mill-kumpannija taħt dan l-Att li tirreferi għall-impriża tal-kumpannija f'Malta,

(2) Ebda liċenza biex titmexxa l-impriża ta' assigurazzjoni bħala aġent ma għandha tingħata jew tinżamm taħt dan l-Att kemm-il darba l-kumpannija ma tkunx kumpannija lokali li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun sitwat f'Malta u kemm-il darba l-kapital azzjonarju mhux mittiefes tagħha ma jkunx mhux inqas minn ħamsa u għoxrin elf lira.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Ministru jista' —

(a) jekk ikun tal-fehma li fl-interess pubbliku liċenza ma għandhiex tingħata, jew li ma għandhiex tingħata għall-klassijiet kollha tan-negozju li għalihom tkun saret applikazzjoni, u wara li jirrapporta l-kwistjoni lill-Prim Ministru, jirrifjuta li jagħti liċenza jew jirrestringi l-liċenza għal klassi waħda jew iżjed tan-negozju, u l-Ministru ma għandux għalfejn jagħti raġunijiet għax ikun hekk aġixxa;

(b) jissuġġetta kull liċenza mogħtija minnu għal dawk il-limitazzjonijiet u kondizzjonijiet li minn żmien għal żmien jidhirlu xierqa li jimponi.

Dwar dak li għandu x'jaqsam ma' kumpanniji liċenzjati li jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Ministru.

6. (1) Kumpannija liċenzjata għandha, qabel ma tagħmel xi żieda jew tibdil fil-*memorandum* jew fl-istatut ta' assoċjazzjoni jew f'xi dokument ieħor li jikkostitwixxi l-kumpannija, tissottometti lill-Ministru l-partikolaritajiet bil-miktub taż-żieda jew tat-tibdil propost għall-approvazzjoni tiegħu bil-quddiem u ebda żieda bħal dik jew tibdil bħal dak ma għandu jsir kemm-il darba u sakemm il-Ministru ma jkunx ta l-approvazzjoni tiegħu bil-miktub:

Iżda dwar kumpannija barranija d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma japplikawx jekk il-Ministru jkun approva arranġamenti alternattivi li ma jnaqqsux materjalment mill-għanijiet ta' dan is-subartikolu, u dawn l-arranġamenti jkunu twettqu.

(2) Meta minħabba t-trasferiment ta' xi azzjoni jew azzjonijiet f'kumpannija lokali liċenzjata, l-azzjonijiet miżmuma minn jew f'isem persuni li ma jkunux residenti f'Malta jkunu b'kollox jeċċedu l-għoxrin fil-mija tal-kapital azzjonarju tal-kumpannija jew, jekk dawk l-azzjonijiet flimkien ikunu diġà iktar minn dak il-perċentaġġ, fil-każ ta' xi trasferiment jew trasferiment propost ta' azzjonijiet lill-persuni mhux residenti, il-kumpannija għandha tgħarraf lill-Ministru b'kull trasferiment jew trasferiment propost bħal dak, u, minkejja kull ħaġa li tinsab f'kull liġi oħra, jew fil-*memorandum* jew fl-istatut ta' assoċjazzjoni tal-kumpannija jew dokument ieħor li bih tkun ġiet kostitwita, ebda trasferiment bħal dak ma għandu jiġi reġistrat mill-kumpannija u ebda trasferiment bħal dak ma għandu jkollu effett, sew jekk ikun reġistrat mill-kumpannija sew jekk le, kemm-il darba u sakemm il-Ministru ma jkunx ta l-approvazzjoni tiegħu bil-miktub fuq applikazzjoni li ssir għal hekk.

(3) Kumpannija liċenzjata għandha tgħarraf lill-Ministru b'kull arranġament jew ftehim propost għall-bejgħ jew għat-tneħħija tan-negozju tagħha, sew b'amalgamazzjoni jew xort'oħra, jew għal xi rikostruzzjoni proposta, u tissottomettihom għall-approvazzjoni tiegħu; u ebda arranġament, ftehim jew proposta bħal dawk ma għandhom jingħataw effett, jew ikollhom effett, kemm-il darba u sakemm il-Ministru ma jkunx ta l-approvazzjoni tiegħu bil-miktub fuq applikazzjoni li ssir għal hekk.

(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu —

(a) l-espressjoni "persuna li ma tkunx residenti f'Malta" u l-espressjoni "persuni mhux residenti" jinkludu kumpannija barra-

nija u kumpannija lokali kontrollata minn persuni mhux residenti f'Malta, magħduda kumpannija, tkun fejn tkun reġistrata, li hi nnifisha tkun hekk kontrollata; u

(b) "azzjoni" tfisser li tagħti l-jedd għall-vot, u "kapital azzjonarju" għandha tifthehem fl-istess sens.

(5) Kull kumpannija li tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu teħel, bla ħsara għal kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, dwar kull reat, penali ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira u fil-każ ta' reat li jkompli sejjer penali oħra ta' mhux iżjed minn mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Tħassir u sospensjoni ta' liċenza.

7. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' jirrevoka jew jissospendi liċenza —

(a) jekk xi dokument jew tagħrif li jingħata ma' applikazzjoni għal liċenza jew xi tagħrif mogħti dwarha jkun falz f'xi ħaġa ta' sustanza, jew jekk id-detentur ta' liċenza jkun ħeba jew jaħbi mill-Ministru, jew jonqos li javżah, b'xi dokument jew tagħrif jew b'xi tibdil li jsir fih u li jkun fid-dmir tiegħu li jiddikjara u li jgħarraf taħt dan l-Att; jew

(b) jekk id-detentur ma jkomplix imexxi l-impriża li għaliha tkun ingħatat il-liċenza, jew jissosspendi l-ħlas, jew ikun dikjarat fallut, jew jibda l-likwidazzjoni, jew jittransiġi mal-krediturі tiegħu jew jiġi xort'oħra xolt; jew

(ċ) jekk id-detentur jonqos li jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet tal-liċenza jew xi waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-artikoli 8, 9, 10(1), 12, 13, 14, 15 u 16 ta' dan l-Att; jew

(d) jekk id-detentur li jkun qed imexxi l-impriża ta' assigurazzjoni, jonqos li jimxi skond kif ikun ġie preskritt; jew

(e) jekk id-detentur ma jkunx jista' jżomm liċenza taħt is-subartikolu (1) jew (2) ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att; jew

(f) fiċ-ċirkostanzi u bil-mod muri fl-artikolu 20 ta' dan l-Att.

(2) Qabel ma jirrevoka xi liċenza, il-Ministru għandu javża lid-detentur tagħha bil-ħsieb tiegħu li jagħmel hekk u għandu jagħti lill-kumpannija l-opportunità li tagħti r-raġuni għaliex il-liċenza ma għandhiex tiġi mħassra.

Fondi ta' riżerva u fondi oħra li għandhom jinżammu minn kumpanniji ta' assigurazzjoni.

8. (1) Kull kumpannija lokali liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni bħala prinċipal għandha żżomm fond ta' riżerva u għandha, mill-profitti netti tagħha ta' kull sena u qabel ma tiddikjara xi dividend jew sehem ieħor, tittrasferixxi fil-fond ta' riżerva tagħha somma li tkun daqs mhux inqas minn ħamsa u għoxrin fil-mija ta' dawk il-profitti kull meta l-ammont tal-fond ta' riżerva ikun inqas mill-kapital azzjonarju imħallas tal-kumpannija.

(2) Kull kumpannija barranija liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni għandha żżomm f'Malta, u tinvesti b'dak il-mod kif permess mill-Ministru, l-attiv mhux mittiefes imsemmi fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att; u l-fondi hekk miżmuma u investtiti ma għandhomx jiġu trasferiti, miġbuda jew xort'oħra jintmissu mingħajr awtorità tal-Ministru mogħtija bil-miktub jew sakemm il-kumpannija tkun waqfet li tkompli taħdem f'Malta u tipprova għas-sodisfazzjon tal-Ministru li ma jkollha ebda obbligazzjonijiet oħra f'Malta.

Marġini ta' solvibbilità.

9. (1) Kull kumpannija liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni bħala prinċipal, barra minn assoċjazzjoni ta' *underwriters,*

għandha f'kull żmien iżżomm marġini ta' solvibbilità li jkun biżżejjed biex tkun tista' tmexxi x-xogħol ta' assigurazzjoni li għalih tkun liċenzjata.

(2) Kumpannija titqies li ma għandhiex marġini ta' solvibbilità —

(a) meta l-kumpannija tkun liċenzjata biex tmexxi xi klassi ta' impriża ta' assigurazzjoni barra minn dik ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja jekk il-valur ta' l-attiv tagħha dwar il-klassijiet ta' l-impriża ta' assigurazzjoni li għandha liċenza li tmexxi ma jkunx jeċċedi l-ammont tal-passiv tagħha dwar dawk il-klassijiet ta' impriża jew —

(i) b'mitt elef lira jew somma ekwivalenti f'munita oħra, jew

(ii) bi ħmistax fil-mija tad-dħul tagħha mill-*premium* fl-aħħar sena finanzjarja ta' qabel,

skond liema jkun l-ikbar ammont;

(b) meta l-kumpannija tkun liċenzjata biex tmexxi impriża ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja biss, jekk il-passiv tagħha taħt poloz tal-ħajja li ma jkunux għalqu jkun iżjed mill-ammont tal-fond tagħha dwar l-assigurazzjoni fuq il-ħajja;

(ċ) meta l-kumpannija tkun liċenzjata biex tmexxi xi klassi ta' mpriża ta' assigurazzjoni, magħduda assigurazzjoni fuq il-ħajja, jekk —

(i) dwar l-impriża tagħha ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja ma tkunx tissodisfa l-marġini ta' solvibbilità meħtieġ bil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, jew

(ii) dwar il-klassijiet l-oħra kollha ta' impriża ta' assigurazzjoni ma tkunx tissodisfa l-marġini ta' solvibbilità meħtieġ bil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu.

(3) Fil-kalkolu tal-marġini ta' solvibbilità meħtieġ bil-paragrafu (a) u bis-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu —

(a) il-passiv kollu kontinġenti jew li maħsub li jiġri tal-kumpannija, barra minn passiv dwar kapital azzjonarju, għandu jiġi kalkolat sabiex jiġi stabbilit l-ammont tal-passiv tal-kumpannija;

(b) id-dħul mill-*premium* tal-kumpannija, barra minn dħul minn *premium* dwar assigurazzjoni fuq il-ħajja, għal sena finanzjarja għandu jitqies li hu l-ammont nett, wara li jitnaqqas kull *premium* imħallas mill-kumpannija f'rijassigurazzjoni, tal-*premiums* riċevuti mill-kumpannija fl-aħħar sena finanzjarja ta' qabel tagħha dwar l-impriża kollha ta' assigurazzjoni, barra minn assigurazzjoni fuq il-ħajja mmexxija minnha matul is-sena.

(4) Meta l-marġini ta' solvibbilità ta' xi kumpannija jkun inqas minn dak li hu meħtieġ li jinżamm minnha b'dan l-artikolu, il-kumpannija għandha tagħmel tajjeb għal kull nuqqas bħal dak bla dewmien, u f'ebda każ iktar tard minn ħmistax-il jum minn meta tirċievi ordni tal-Ministru f'dak is-sens, u għas-sodisfazzjon tal-Ministru.

(5) Sakemm il-marġini ta' solvibbilità ta' kumpannija jkun inqas minn dak li hu meħtieġ b'dan l-artikolu, il-kumpannija ma għandha tassumi ebda riskju ġdid ikun ta' liema xorta jkun; u kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, teħel, dwar kull reat, penali ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira, u fil-każ ta' reat li jkompli sejjer penali oħra ta' mhux iżjed minn mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

(6) Meta l-kumpannija liċenzjata tkun assoċjazzjoni ta' *underwriters* individwali, l-assoċjazzjoni għandha kull sena tagħti lill-Ministru —

(a) kopja ċertifikata tal-prospetti dwar l-impriża ta' assigurazzjoni mmexxija mill-membri ta' l-assoċjazzjoni ppreparata u mogħtija minnha, lill-awtorità xierqa, skond il-liġijiet tal-pajjiż li fiha tkun reġistrata jew inkorporata; u

(b) ċertfikat ffirmat miċ-*Chairman* ta' l-assoċjazzjoni u mill-awtorità msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, li l-membri ta' l-assoċjazzjoni jkunu ħarsu, dwar is-sena ta' qabel, id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli għalihom fl-imsemmi pajjiż.

Ħlas ta' dividendi.

10. (1) Ebda kumpannija lokali liċenzjata biex tmexxi impriża ta' assigurazzjoni bħala prinċipal ma għandha tiddikjara jew tqassam jew tħallas xi dividend fuq l-azzjonijiet tagħha, jew xi mgħax fuq flus riċevuti qabel sejħiet fuq xi waħda mill-azzjonijiet tagħha, ħlief minn profitti li l-udituri tal-kumpannija jkunu ċċertifikaw f'dikjarazzjoni mogħtija lill-Ministru bħala li baqgħu fl-idejn wara li nżammu bla mittiefsa —

(a) il-kapital kollu azzjonarju imħallas;

(b) il-marġini ta' solvibbilità li għandu jinżamm bl-artikolu 9 ta' dan l-Att;

(ċ) il-fondi ta' riżerva li għandhom jinżammu minnha bl-artikolu 13 ta' dan l-Att;

(d) somma biżżejjed biex jitħallsu t-telf nett kollu u l-passiv kollu.

(2) Għandu jingħata avviż lill-Ministru tad-dividendi kollha u ta' l-imgħax kollu dikjarat, imqassam jew imħallas minn kumpannija li għaliha japplika s-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, fi żmien ħmistax-il jum minn dik id-dikjarazzjoni, dak it-tqassim jew dak il-ħlas.

(3) Kull dikjarazzjoni, tqassim jew ħlas magħmul bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkun null u mingħajr effett u kull somma hekk riċevuta jew kreditata għandha titħallas lura lill-kumpannija mingħajr dewmien b'imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija.

Attiv li mhux ammissibbli.

11. (1) Sabiex tiġi stabbilita l-qagħda finanzjarja ta' kumpannija liċenzjata bħala prinċipal ma jiġi kunsidrat ebda attiv li ma hux ammissibbli.

(2) L-attiv mhux ammissibbli ta' kumpannija liċenzjata huwa —

(a) l-avvjament, l-ismijiet tal-kummerċ u kull attiv intanġibbli ieħor bħal dan;

(b) ħlasijiet bil-quddiem jew differiti għal spejjeż u kummissjoni mħallsa mill-kumpannija;

(ċ) avvanzi lid-diretturi (barra minn self fuq polza) li ma jkunux garantiti b'mod xieraq jew li ma jkunux ġew awtorizzati bil-quddiem mill-Ministru, u avvanzi lill-impjegati, aġenti u persuni oħra li ma jkunux garantiti b'mod xieraq;

(d) xi interess f'xi waħda mill-azzjonijiet tagħha jew direttament jew permezz ta' interess tal-kumpannija f'kumpannija oħra jew xi negozju ieħor, kemm-il darba ma jkunx approvat bil-quddiem mill-Ministru;

(e) kull self jew dejn ieħor garantit bl-azzjonijiet tagħha stess;

(f) krediti li jirriżultaw minn ċekkijiet, *drafts*, noti jew kambjalijiet oħra li jiġu ritornati lura mhux imħallsa;

(ġ) kull investiment ipprojbit;

(ħ) kull attiv ieħor li hu hekk preskritt.

(3) Sabiex tiġi stabbilita l-qagħda finanzjarja ta' kumpannija liċenzjata, l-investimenti kollha u kull attiv ieħor għandhom jiġu stmati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew kif jista' jiġi preskritt.

Investimenti.

12. (1) Kumpannija liċenzjata bħala prinċipal ma għandha tagħmel ebda investiment li hu investiment ipprojbit jew tagħmel xi transazzjoni li hi transazzjoni pprojbita.

(2) Dawn li ġejjin huma investimenti jew transazzjonijiet ipprojbiti:

(a) self lil xi persuna waħda ta' iktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija ta' l-attiv ammissibbli kollu tal-kumpannija kif ċertifikat mill-udituri tagħha fl-aħħar kontijiet pubblikati;

(b) self bil-garanzija ta' l-azzjonijiet tal-kumpannija stess;

(ċ) self li ma jkunx garantit b'mod xieraq jew li ma jkunx garantit kif ikun preskritt;

(d) investimenti f'*equities* jew azzjonijiet oħra, jew f'*debentures* jew *bonds*, f'xi jew ta' xi kumpannija jew istituzzjoni waħda, li jkunu iżjed minn għaxra fil-mija, jew dak il-perċentaġġ ieħor applikabbli kif il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, u jew b'mod ġenerali jew speċifiku jew b'riferenza għal klassi, japprova, ta' l-attiv ammissibbli kollu tal-kumpannija kif ċertifikat mill-udituri tal-kumpannija fl-aħħar kontijiet pubblikati tagħha;

(e) investimenti fi proprjetà immobbli jew mobbli projbiti b'regolamenti magħmula taħt dan l-Att jew li jkunu iżjed mill-ammonti preskritti;

(f) investimenti f'muniti barranin, jew f'attiv espress f'dawk il-muniti, li jkunu iżjed minn dawk l-ammonti u bi ksur ta' dawk id-disposizzjonijiet li jkunu preskritti;

(ġ) kull investiment ieħor jew transazzjoni oħra li jkun preskritt.

(3) Kull investiment ipprojbit magħmul u kull transazzjoni pprojbita li ssir minn kumpannija liċenzjata jkunu nulli u mingħajr effett, u jkun id-dmir tal-kumpannija li tieħu dawk il-passi meħtieġa sabiex tqiegħed kollox fl-istat ta' qabel.

Riżervi ta' kumpanniji ta' assigurazzjoni.

13. (1) Kull kumpannija liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja bħala prinċipal għandha kull sena tistabbilixxi r-responsabbilità tagħha dwar dik l-impriża li għaliha għandha tagħmel riżerva f'ammont li jkun daqs il-valur nett kollu f'daqqa tal-poloz kollha, żidiet għalihom, dividendi mhux imħallsa u l-obbligazzjonijiet l-oħra kollha pendenti fil-wieħed u tletin ta' Diċembru tas-sena minnufih qabel.

(2) L-istima li għandha ssir għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha ssir fuq il-bażi tal-*premium* nett u skond il-kriterji addottati mill-kumpannija u dikjarati fir-rapport annwali, li jkunu kriterji li jħarsu dawk il-ħtiġiet u disposizzjonijiet oħra li jkunu preskritti.

(3) Kull kumpannija liċenzjata kif intqal qabel għandha f'kull żmien iżżomm attiv bla mittiefes li jkun daqs il-valur nett tar-responsabiltà tagħha li għaliha għandha tagħmel riżerva u wara li tipprovdi b'mod xieraq għall-obbligazzjonijiet l-oħra kollha tagħha.

(4) Kull kumpannija liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni bħala prinċipal, barra minn kumpannija li tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja biss, għandha, dwar l-impriża kollha ta' assigurazzjoni barra minn assigurazzjoni fuq il-ħajja, iżżomm riżerva għal *premiums* mhux maqlugħin fuq il-poloz tagħha li jkunu għaż-żmien fis-seħħ, u dawk il-*premiums* għandhom jiġu addebitati bħala obbligazzjoni meta tkun qed tiġi stabbilita l-qagħda finanzjarja tal-kumpannija.

(5) Ir-riżerva li għandha tinżamm bis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu għandha tkun daqs erbgħin fil-mija tal-*premiums* gross wara li jitnaqqas minnha l-ammont ta' rijassigurazzjoni mgħoddi mill-kumpannija f'dik is-sena skond is-subartikolu (3) ta' l-artiklu 15 ta' dan l-Att, nieqsa kull ħlasijiet lura u kanċellamenti, riċevuti fuq poloz jew riskji li jibqgħu jseħħu sa wara s-sena finanzjarja.

Limiti ta' riskju wieħed.

14. (1) Ebda kumpannija liċenzjata bħala prinċipal ma għandha, dwar l-impriża tagħha barra minn dik ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, iżżomm xi riskju fuq suġġett wieħed ta' assigurazzjoni għal ammont ta' iżjed minn għoxrin fil-mija tal-valur nett tal-kumpannija.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu —

(a) "suġġett ta' assigurazzjoni" tinkludi l-proprjetà u r-riskji kollha assigurati mill-istess assiguratur li huma soltu meqjusa minn *non-life underwriters* li huma suġġetti għal telf jew ħsara mill-istess ġrajja ta' xi periklu li għalih issir l-assigurazzjoni;

(b) rijassigurazzjoni ċeduta kif awtorizzat b'dan l-Att għandha titnaqqas sabiex jiġi stabbilit ir-riskju assigurat;

(ċ) dwar riskji ta' garanti, għandu jitnaqqas ukoll l-ammont li għalih xi kumpannija oħra liċenzjata tkun ħadet ir-responsabbiltà u l-valur ta' kull garanzija ipotekata, mogħtija bi pleġġ jew miżmuma suġġetta għall-kontroll tal-garanti jew għall-protezzjoni tal-garanti.

Rijassigurazzjoni.

15. (1) Kumpannija liċenzjata bħala prinċipal tista' taċċetta rijassigurazzjoni biss ta' dawk ir-riskji, u tista' żżomm riskji fuqhom biss sa dawk il-limiti, li hi tista' xort'oħra tassigura skond il-liġi.

(2) Kumpannija liċenzjata bħala prinċipal ma għandhiex iċċedi bħala rijassigurazzjoni ebda parti minn ebda riskju li tkun assumiet bħala parti mill-impriża mmexxija minnha f'Malta ħlief jew lil kumpannija liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni bħala prinċipal jew lil kumpannija approvata mill-Ministru taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att u li dwarha jkun hemm fis-seħħ dik l-approvazzjoni.

(3) Il-Ministru jista' b'ordni bil-miktub jeħtieġ kumpannija liċenzjata bħala prinċipal li ċċedi lil xi kumpannija lokali liċenzjata msemmija fl-ordni dak il-perċentaġġ, li ma jkunx iktar minn tletin fil-mija, tar-riskju assigurat u sitwat f'Malta kif dikjarat fl-ordni.

(4) Ebda kumpannija liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja bħala prinċipal ma għandha tirrijassigura r-riskju kollu tagħha fuq xi ħajja individwali jew ħajjiet flimkien jew sostanzjalment l-assigurazzjonijiet tagħha kollha li jkunu fis-seħħ, mingħajr qabel ma tkun applikat għal u kisbet il-permess bil-miktub tal-Ministru.

Sena finanzjarja u pubblikazzjoni ta' kontijiet.

16. (1) Kull kumpannija lokali liċenzjata taħt dan l-Att biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni bħala prinċipal jew bħala aġent għandha tispiċċa s-sena finanzjarja tagħha fil-wieħed u tletin ta' Di-

ċembru ta' kull sena, u għandha, mhux iktar tard minn erba' xhur mill-għeluq tas-sena finanzjarja tagħha —

(a) tibgħat lill-Ministru; u

(b) tippubblika f'żewġ gazzetti lokali li joħorġu kuljum li minnhom waħda tiġi pubblikata bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż; u

(ċ) tesponi f'post prominenti f'kull wieħed mill-uffiċċji u fergħat tagħha f'Malta u tħalli hekk esposta matul it-tnax-il xahar li jiġu wara,

kopja tal-karta tal-bilanċ totali tagħha u tal-kont tal-qliegħ u telf għal dik is-sena finanzjarja li jagħtu l-qagħda eżatta tal-kumpannija fl-egħluq ta' dik is-sena u dawk id-dettalji li jistgħu jkunu preskritti u li jsiru fil-forma preskritta jew xort'oħra f'forma approvata mill-Ministru u li jagħtu d-dettalji meħtieġa minnu:

Iżda l-paragrafi (b) u (ċ) ta' dan is-subartikolu ma japplikawx għal kumpannija liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni bħala aġent.

(2) Kull kumpannija barranija liċenzjata taħt dan l-Att biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni bħala prinċipal għandha, mhux iktar tard minn sitt xhur mill-egħluq tas-sena finanzjarja tagħha —

(a) tibgħat lill-Ministru; u

(b) tippubblika f'żewġ gazzetti lokali li joħorġu kuljum li minnhom waħda tiġi pubblikata bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż; u

(ċ) tesponi f'post prominenti f'kull wieħed mill-uffiċċji u fergħat tagħha f'Malta u tħalli hekk esposta matul it-tnax-il xahar li jiġu wara,

kopja tal-karta tal-bilanċ totali tagħha u tal-kont tal-qliegħ u telf għal dik is-sena finanzjarja li jagħtu l-qagħda eżatta tal-kumpannija fl-egħluq ta' dik is-sena, u kull karta tal-bilanċ bħal dik u kont tal-qliegħ u telf bħal dak għandu jkollu miegħu dikjarazzjoni dwar l-impriża tagħha f'Malta magħmula fil-forma preskritta u li tagħti d-dettalji preskritti jew li xort'oħra tkun magħmula fil-forma approvata mill-Ministru u li tagħti d-dettalji meħtieġa minnu.

(3) Kull kumpannija liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni bħala aġent għandha, mhux iktar tard minn sitt xhur mill-egħluq tas-sena finanzjarja tal-prinċipal tagħha, tesponi f'post prominenti f'kull wieħed mill-uffiċċji tagħha u tħalli hekk esposta matul it-tnax-il xahar li jiġu wara, kopja ta' kull karta tal-bilanċ u tal-kont tal-qliegħ u telf u tad-dikjarazzjoni meħtieġa li tintbagħat lill-Ministru minn kull wieħed mill-prinċipali tagħha skond dan l-artikolu.

(4) Kull karta tal-bilanċ bħal dik u kont tal-qliegħ u telf bħal dak u kull dikjarazzjoni bħal dik għandha tkun ċertifikata minn persuna li hi approvata bħala uditur skond l-artikolu 17 ta' dan l-Att.

(5) Il-kopja ta' kull karta tal-bilanċ, tal-kont tal-qliegħ u telf jew dikjarazzjoni mibgħuta lill-Ministru għandu jkollha magħha rapport minn uditur magħmul mill-uditur approvat li jiċċertifika l-karta tal-bilanċ, il-kont jew dikjarazzjoni li għalihom jirreferi r-rapport.

(6) Kull kumpannija li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu teħel dwar kull reat penali ta' mhux iżjed minn elf lira u penali oħra ta' mhux iżjed minn mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Udituri.

17. (1) Kull kumpannija liċenzjata għandha taħtar kull sena uditur approvat jew udituri approvati li d-dmir tagħhom ikun biex jirrapportaw dwar il-kontijiet tal-kumpannija eżaminati minnhom u dwar kull karta tal-bilanċ u kont tal-qliegħ u telf, u dwar kull dikjarazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-impriża tal-kumpannija f'Malta, ippreparati mill-kumpannija.

(2) Jekk kumpannija liċenzjata tonqos, milli taħtar uditur kif meħtieġ bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew f'xi żmien tonqos milli timla' xi vakanza fil-kariga ta' uditur, il-Ministru jkollu s-setgħa li jaħtar uditur għal dik il-kumpannija u għandu jistabbilixxi r-rimunerazzjoni li titħallas mill-kumpannija lil dak l-uditur.

(3) Ir-rapport ta' l-udituri għandu jkollu dikjarazzjoni dwar il-ħwejjeġ li ġejjin:

(a) jekk kisbux l-informazzjoni u l-ispjegazzjonijiet kollha li skond l-aħjar tagħrif u twemmin tagħhom kienu meħtieġa għall-iskop tal-verifika tagħhom;

(b) jekk, fil-fehma tagħhom, kienux jinżammu kotba xierqa mill-kumpannija, safejn jidher mill-eżami tagħhom ta' dawk il-kotba, u rendikontijiet xierqa għall-iskop tal-verifika tagħhom ikunux ġew riċevuti minn fergħat li huma ma jkunux żaru;

(ċ) jekk il-karta tal-bilanċ u l-kont tal-qliegħ u telf, jew id-dikjarazzjoni tal-kumpannija trattati fir-rapport ikunux jaqblu mal-kotba tal-kontijiet u rendikontijiet;

(d) jekk, fil-fehma tagħhom u skond l-aħjar tagħrif tagħhom u skond l-ispjegazzjonijiet mogħtija lilhom, il-kontijiet imsemmija jagħtux l-informazzjoni meħtieġa minn kull liġi li tista' minn żmien għal żmien tkun fis-seħħ bil-mod hekk meħtieġ u jagħtux wiri veru u ġust, fil-każ tal-karta tal-bilanċ ta' l-affarijiet tal-kumpannija kif ikunu fl-aħħar tas-sena finanzjarja tagħha, fil-każ tal-kont tal-qliegħ u telf tal-qliegħ u telf għas-sena finanzjarja, u fil-każ ta' dikjarazzjoni tan-negozju tal-kumpannija f'Malta dwar dik l-impriża għas-sena finanzjarja;

(e) jekk id-diversi ħtiġiet ta' dan l-Att dwar il-kumpannija jkunux tħarsu, u jekk ikunux saru l-provedimenti għal dak l-għan.

(4) Kull uditur ta' kumpannija liċenzjata jkollu dritt ta' aċċess fil-ħinijiet kollha għall-kotba u għall-kontijiet u dokumenti oħra tal-kumpannija u jkollu dritt li jeħtieġ minn kull uffiċjal tal-kumpannija dik l-informazzjoni u dawk l-ispjegazzjonijiet li jidhirlu meħtieġa għall-qadi ta' dmirijiet ta' l-udituri.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-Att, uditur approvat huwa persuna kwalifikata taħt il-liġijiet li għaż-żmien ikunu fis-seħħ biex tagħmilha ta' uditur tal-kumpannija u li jkollha l-awtorizzazzjoni tal-Ministru li tagħmilha ta' uditur ta' kumpannija ta' assigurazzjoni.

(6) Minkejja kull waħda mid-disposizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel dan, il-Ministru jista', fil-każ ta' kumpannija barranija, japprova dawk l-arranġamenti alternattivi li jidhirlu xierqa u li ma jnaqqsux b'mod sostanzjali mill-għanijiet ewlenin ta' dawn l-artikoli, u meta dawk l-arranġamenti jkunu twettqu d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx sa fejn dawk l-arranġamenti jkunu saru minflokhom.

(7) Safejn id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jaqblux mad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jipprevalu u d-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza għandhom, safejn ma jkunux jaqblu, ma japplikawx għal kumpanniji liċenzjati.

Eżami ta' l-affarijiet ta' kumpannija liċenzjata.

18. (1) Il-Ministru jista' jinnomina spettur wieħed jew iżjed kompetenti biex jeżaminaw l-affarijiet ta' kumpannija liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni f'dawk l-intervalli jew f'dawk iż-żminijiet li jista' jordna, u biex jirrapporta fuqhom.

(2) Ikun id-dmir ta' l-uffiċjali u ta' l-aġenti kollha ta' kumpannija liċenzjata li tkun qed tiġi eżaminata li jipproduċu lill-ispettur il-kotba u d-dokumenti kollha tal-kumpannija jew li għandhom x'jaqsmu mal-kumpannija u xort'oħra li jagħtu lil spettur l-għajnuna kollha dwar l-eżami li huma b'mod raġonevoli jistgħu jagħtu; u jekk uffiċjal jew aġent ta' kumpannija jirrifjuta li jipproduċi xi ktieb jew dokument li skond dan l-artikolu huwa dmir tiegħu li jipproduċi, jew jirrifjuta li jwieġeb għal xi mistoqsija li ssirlu minn spettur dwar l-affarijiet tal-kumpannija, spettur jista' b'rikors jirreferi l-kwistjoni lill-Qorti u ma' dan il-Qorti għandha tistharreġ il-każ, u wara li tkun semgħet il-provi miġjuba u s-sottomissjonijiet magħmula dwar il-każ, twaħħal piena lil min jagħmel l-offiża bl-istess mod daqslikieku kien ħati ta' disprezz tal-Qorti.

(3) F'dan l-artikolu, kull riferenza għal uffiċjali jew għal aġenti għandha tinkludi riferenza għal uffiċjali jew aġenti tal-imgħoddi u preżenti u l-espressjoni "aġenti" dwar kumpannija liċenzjata tinkludi l-bankiera u l-udituri tal-kumpannija.

(4) Spettur għandu jingħata wkoll aċċess għal kull kont, rendikont jew informazzjoni oħra dwar kumpannija liċenzjata li jkunu fil-pussess jew taħt il-kontroll tal-Ministru.

Rapporti minn spetturi.

19. (1) Spettur jista', u jekk hekk ordnat mill-Ministru għandu, jagħmel rapporti *interim* lill-Ministru, u meta jispiċċa mill-eżami jagħmel rapport finali.

(2) Il-Ministru għandu jibgħat lill-kumpannija kopja ta' kull rapport magħmul minn spettur dwar l-affarijiet tagħha.

(3) Il-Ministru jkollu s-setgħa li jordna li l-ispejjeż kollha ta', u li huma inċidentali għal, eżami, jew parti minnhom kif jidhirlu xieraq, jithallsu mill-kumpannija; u kull somma hekk dovuta tingabar mill-Gvern bħala dejn ċivili dovut lilu.

Kumpanniji li ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tagħhom.

20. Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-artikoli 17A u 18 ta' dan l-Att, meta kumpannija liċenzjata taħseb li x'aktarx ma tkunx tista' tissodisfa l-obbligazzjonijiet tagħha, jew li tkun se tissospendi l-ħlas, jew meta l-kumpannija tkun issospendiet il-ħlas, hija għandha minnufih tgħarraf lill-Ministru bil-miktub b'dan il-fatt.

Setgħat tal-Ministru biex iħares l-interess pubbliku.

21. (1) Jekk, sew minn rapport magħmul taħt l-artikolu 18 ta' dan l-Att kemm xort'oħra, ikun jidher lill-Ministru li kumpannija liċenzjata tkun qed tmexxi l-impriża tagħha b'mod li jkun
ment jew ta' periklu għall-pubbliku jew għad-detenturi tal-poloz jew li xi wieħed mill-fatti msemmija fl-artikolu 20 ta' dan l-Att x'aktarx ikun se jiġri jew jeżisti, sew jekk il-kumpannija tkun avżat lill-Ministru taħt dak l-artikolu u sew jekk le, jew li l-kumpannija tkun kisret jew naqset milli tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul bis-saħħa tiegħu, u l-ksur ikun hekk, fil-fehma tal-Ministru, li jistħoqqlu li tittieħed azzjoni taħt dan l-artikolu, il-Ministru jista' jissospendi jew jirrevoka kull liċenza maħruġa taħt dan l-Att, u ebda negozju ġdid ma għandu wara dan jitmexxa minn dik il-kumpannija, jew għal dik il-kumpannija mill-aġenti tagħha jew minn xi persuna oħra, kemm-il darba u sakemm dik

is-sospensjoni ma tkunx ġiet revokata jew il-liċenza ma tkunx ingħatat lura mill-Ministru:

Iżda l-Ministru ma għandux jirrevoka liċenza jekk qabel ma jkunx ta lid-detentur opportunità li jagħmel sottomissjonijiet għaliex il-liċenza ma għandhiex tiġi revokata.

(2) F'kull wieħed mill-każijiet li l-Ministru jista' jissospendi jew jirrevoka liċenza taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista', minflok sospensjoni jew revoka bħal dik jew b'żieda magħha, u bla ħsara għas-setgħat tiegħu li jissospendi jew jirrevoka liċenza, jipproċedi b'wieħed jew iktar mill-modi li ġejjin:

(a) jeħtieġ lill-kumpannija biex minnufih tieħu dawk il-passi li jidhirlu meħtieġa sabiex il-ħaġa tirranġa ruħha jew tiġi rimedjata;

(b) jaħtar persuna biex tagħti pariri lill-kumpannija biex titmexxa b'mod xieraq l-impriża tagħha;

(ċ) jaħtar persuna biex tieħu f'idejha l-attiv tal-kumpannija, jew xi parti minnu, sabiex jitħarsu l-interessi tad-detenturi ta' poloz, krediturí u azzjonisti tal-kumpannija;

(d) jaħtar persuna biex tieħu l-kontroll ta' l-impriża tal-kumpannija u biex jew tmexxi dik l-impriża jew tagħmel dik il-funzjoni jew dawk il-funzjonijiet l-oħra dwar dik l-impriża, jew parti minnha, kif jiġi ordnat mill-Ministru;

(e) jeħtieġ lill-kumpannija biex tillikwida u tagħlaq l-impriża tagħha jew biex tillikwida u tagħlaq l-impriża tagħha f'Malta;

(f) jaħtar persuna biex tagħmilha ta' likwidatur sabiex tillikwida u tagħlaq in-negozju;

(ġ) jistabbilixxi r-rimunerazzjoni li għandha titħallas mill-kumpannija lil kull persuna maħtura taħt dan l-artikolu;

(ħ) jagħmel kull ħaġa oħra jew jeħtieġ li ssir kull ħaġa oħra li jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi;

u wara li jkun ipproċeda b'xi mod jew aktar minn mod wieħed kif intqal qabel, il-Ministru jista' jkompli jipproċedi b'xi wieħed jew iktar minn dawk il-modi, sew b'żieda magħhom jew minflokhom.

(3) Meta persuna tinħatar mill-Ministru —

(a) taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ikun id-dmir tal-kumpannija li taġixxi skond il-parir mogħti lilha minn dik il-persuna kemm-il darba u sakemm il-Ministru, fuq sottomissjonijiet li jsirulu, ma jordnax xort'oħra;

(b) taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija għandha tikkonsenja lil dik il-persuna l-attiv kollu li jkun fil-pussess tagħha, u s-setgħat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpannija dwar dak l-attiv, sew jekk eżerċitabbli mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali, jew mid-Diretturi, jew minn xi persuna oħra, magħduda r-rappreżentanza legali u ġuridika tal-kumpannija, ikunu eżerċitabbli minn u vestiti fil-persuna maħtura taħt l-imsemmi paragrafu bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra;

(ċ) taħt il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija għandha tissottometti l-impriża tagħha għall-kontroll ta' dik il-persuna u għandha tagħtiha dawk il-faċilitajiet li tkun teħtieġ lill-kumpannija li tipprovdilha sabiex tmexxi dik l-impriża jew sabiex taqdi l-funzjonijiet mogħtija lilha taħt l-imsemmi paragrafu; u s-setgħat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpannija, sew jekk eżerċitabbli mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali, jew

mid-Direttur jew minn xi persuna oħra, magħduda r-rappreżentanza legali u ġuridika tal-kumpannija fil-ħwejjeġ kollha, ikunu eżerċitabbli minnha u vestiti fiha bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra;

(d) taħt il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dik il-persuna tkun il-likwidatur tal-kumpannija għall-finijiet kollha tal-liġi bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra.

(4) Kull kumpannija jew persuna oħra li tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew xi ħaġa meħtieġa taħtu u kull persuna li b'xi mod tfixkel persuna maħtura taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu fil-qadi ta' xi waħda mill-funzjonijiet, setgħat jew dmirijiet taħt dan l-artikolu, teħel għal kull reat penali ta' mhux iżjed minn elf lira u fil-każ ta' reat li jkompli sejjer penali oħra ta' mhux iżjed minn mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

(5) Dwar kumpannija barranija l-uffiċċji u l-fergħat ta' dik il-kumpannija f'Malta għandhom, jekk il-Ministru hekk jordna u sal-limitu li hekk jordna, jitqiesu li jikkostitwixxu kumpannija separata.

Irtir ta' kumpannija liċenzjata.

22. (1) Kumpannija ma għandhiex minn jeddha tieqaf milli tmexxi l-impriża li hi liċenzjata li tmexxi ħlief bil-permess tal-Ministru mogħti fuq applikazzjoni li ssirlu b'dak il-mod li jiġi preskritt u ħlief skond dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru jidhirlu xieraq li jimponi.

(2) Il-Ministru ma għandux jagħti permess taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kemm-il darba —

(a) id-dritt preskritt ma jkunx tħallas; u

(b) ma jkunx qabel ta dik il-pubblikità lill-applikazzjoni u lil kull fatt rilevanti li għandhom x'jaqsmu magħha kif jidhirlu xieraq jew kif ikunu ġew preskritti; u

(ċ) il-kumpannija ma tkunx issodisfat l-obbligazzjonijiet kollha tagħha f'Malta lejn id-detenturi tal-poloz u l-krediturі, sew bi ħlas, rijassigurazzjoni jew xort'oħra, b'mod aċċettabbli għall-Ministru.

(3) Kull kumpannija li tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew xi kondizzjoni mposta bis-saħħa tiegħu, teħel għal kull reat penali ta' mhux iżjed minn għaxart elf lira.

Sensala u bejjiegħa ta' assigurazzjoni.

23. (1) Ebda kumpannija liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni f'Malta, sew bħala prinċipal sew bħala aġent, ma għandha tħallas kummissjoni jew kumpens ieħor lil xi persuna għal servizzi mogħtija lilha biex tikseb xogħol ta' assigurazzjoni kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx awtorizzata mill-Ministru biex tagħmilha ta' sensal ta' assigurazzjoni jew ta' bejjiegħ ta' assigurazzjoni, jew ma tkunx xort'oħra awtorizzata mill-Ministru taħt regolamenti magħmula skond dan l-Att biex taġixxi f'dik il-kariga l-oħra li tagħtiha d-dritt li tirċievi ħlas kif intqal qabel.

(2) Ebda persuna ma għandha tagħmilha ta' sensal ta' assigurazzjoni jew bejjiegħ ta' assigurazzjoni kemm-il darba ma jkollhiex fil-pussess tagħha awtorità mill-Ministru li tkun fis-seħħ biex taġixxi f'dik il-kariga.

(3) Ebda awtorità ma għandha tiġi maħruġa taħt dan l-artikolu ħlief fuq applikazzjoni magħmula b'dak il-mod u li jkun fiha dak it-tagħrif li jiġi preskritt jew li l-Ministru jista' xort'oħra jeħtieġ u kemm-il darba ma jkollhiex magħha d-dritt preskritt, u, fil-każ ta' applikazzjoni għal bejjiegħ ta' assigurazzjoni, kemm-il darba l-appli-

kazzjoni ma tkunx approvata u kontrofirmata mill-kumpannija li għaliha l-applikant ikun jixtieq jagixxi.

(4) Il-Ministru ma għandux jagħti awtorità lil xi persuna biex tagħmilha ta' sensal ta' assigurazzjoni kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx kumpannija lokali u ma jkollhiex favur tagħha kuntratt ta' assigurazzjoni aċċettabbli mill-Ministru li tindennizzaha kontra kull responsabbiltà li hi, jew kull persuna mpjegata minnha jew xort'oħra tagixxi għaliha, tista' tidħol fiha minħabba xi għemil negliġenti, żball jew nuqqas fit-tmexxija ta' l-impriża tagħha bħala sensal ta' assigurazzjoni għal ammont ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin elf lira jew dik is-somma akbar li l-Ministru jidhirlu xierqa meta titqies ix-xorta tax-xogħol li jkun se jsir; u kull awtorità mogħtija mill-Ministru taħt dan l-artikolu tieqaf mis-seħħ malli l-persuna li favur tagħha tkun ingħatat tieqaf milli tkun kumpannija jew ma tkunx aktar indennizzata b'assigurazzjoni kif intqal qabel.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Ministru jista' jagħti jew jirrifjuta li jagħti jew li jġedded jew jirrifjuta li jġedded, awtorità taħt dan l-artikolu, u jekk jirrifjuta li jagħti jew iġedded dik l-awtorità ma jkunx meħtieġ li jagħti raġunijiet għax għamel hekk. Il-Ministru jista' wkoll jagħti jew iġedded awtorità għal żmien speċifikat, u jista jissuġġetta kull awtorizzazzjoni mogħtija jew imġedda taħt dan l-artikolu għal kull kondizzjoni jew restrizzjoni li jidhirlu xierqa. Kemm-il darba ma jiġix dikjarat xort'oħra fl-awtorizzazzjoni, awtorità mogħtija jew imġedda taħt dan l-artikolu tibqa' sseħħ sal-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha tingħata jew tiġġedded.

(6) Kull persuna li —

(a) għal xi kummissjoni jew kumpens ieħor jew oġġett ta' valur ikun li jkun, tħajjar jew tikseb assigurazzjoni f'isem kumpannija ta' assigurazzjoni jew tibgħat f'isem xi persuna oħra applikazzjoni għal polza jew għal kuntratt ta' assigurazzjoni lil jew mingħand dik il-kumpannija, jew toffri jew tidħol biex tagixxi filftehim ta' dik l-assigurazzjoni, tkun bejjiegħ ta' assigurazzjoni għall-finijiet ta' dan l-Att;

(b) għal xi kummissjoni jew kumpens ieħor jew oġġett ta' valur ikun li jkun, tagixxi jew tgħin b'xi mod biex tħajjar, jintlaħaq ftehim, jew biex isir xi kuntratt ta' assigurazzjoni jew biex jiġi assigurat riskju jew biex tinħareġ assigurazzjoni, f'isem persuna assigurata jew persuna li tkun se tiġi assigurata, barra minnha nnifisha, tkun sensal ta' assigurazzjoni għall-finijiet ta' dan l-Att.

(7) Kull persuna li tagixxi bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jew ta' xi awtorità mogħtija bis-saħħa tiegħu teħel dwar kull reat penali ta' mhux iżjed minn elf lira u fil-każ ta' reat li jkompli sejjer penali oħra ta' mhux iżjed minn ħamsin lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Sospensjoni jew revoka ta' awtorità mogħtija taħt l-artikolu 23.

24. (1) Awtorità mogħtija taħt l-artikolu 23 ta' dan l-Att tista' tiġi sospiża jew revokata mill-Ministru jekk, il-persuna awtorizzata —

(a) meta tapplika għal liċenza tkun tat xi informazzjoni falza jew mhux korretta f'xi ħaġa sostanzjali jew tkun ħbiet xi informazzjoni li kienet sostanzjali għall-applikazzjoni, jew tkun kisbet xort'oħra l-liċenza bi frodi jew b'informazzjoni ħażina;

(b) ma tibqax tagħmilha ta' sensal jew bejjiegħ, skond il-każ, jew tissospendi l-ħlas jew tiġi dikjarata falluta, jew tittransiġi mal-krediturі tagħha, jew fil-każ ta' kumpannija, jew tibda l-likwidazzjoni jew xort'oħra tiġi xolta;

(ċ) tkun naqset li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew il-pattijiet jew il-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni tagħha;

(d) tkun uriet inkompetenza fit-tmexxija ta' l-attivitajiet tagħha taħt l-awtorità jew tkun b'xi mod għamlet xi ħaġa b'qerq, jew b'diżonestà jew xort'oħra b'xi mod ieħor li ma tibqax persuna li tista' tafda, u b'mod partikolari iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jekk —

(i) tkun approprjat jew ħadet għall-użu tagħha jew b'mod illegali żammet flus li huma miżmuma jew li għandhom jinżammu bħala flus afdati f'idejha;

(ii) tkun f'xi ħaġa sostanzjali ppreżentat ħażin il-pattijiet jew il-kondizzjonijiet ta' poloz jew ta' kuntratti ta' assigurazzjoni li tkun qed tipprova tbiegħ jew tkun biegħet.

(2) Awtorità mogħtija taħt l-artikolu 23 ta' dan l-Att ma tiġix revokata mill-Ministru kemm-il darba l-persuna li lilha tkun ingħatat ma tkunx qabel ingħatat opportunità li tagħmel sottomissjonijiet għaliex m'għandhiex tiġi revokata.

Regolamenti.

25. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jikkontrolla u jirregola kull ħaġa dwar jew li għandha x'taqsam ma' l-impriża ta' assigurazzjoni u xort'oħra biex jagħti effett aħjar lil xi waħda jew iżjed mid-disposizzjonijiet u mill-għanijiet ta' dan l-Att, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, il-Ministru jista' b'dawk ir-regolamenti jikkontrolla, jirregola, jew xort'oħra jipprovdi dwar, xi waħda jew iżjed minn dawn l-affarijiet li ġejjin —

(a) kull attività dwar jew li għandha x'taqsam ma' l-impriża ta' assigurazzjoni magħduda l-ħtieġa ta' kull awtorità, liċenza jew permess għal dik l-attività, u l-pattijiet, il-kondizzjonijiet, is-sospensjonijiet u r-revoka tagħhom;

(b) il-kodiċi ta' etika li għandu jitħares minn kull persuna liċenzjata, awtorizzata jew xort'oħra mogħtija permess taħt dan l-Att jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu;

(ċ) kull ħaġa dwar jew li għandha x'taqsam ma' l-impriża ta' assigurazzjoni u poloz jew kuntratti ta' assigurazzjoni, magħduda *surveys*, sorveljanzi u aġġustamenti ta' talbiet magħmula taħt xi kuntratt jew polza bħal dawk, u biex jiġu stabbiliti r-rati ta' assigurazzjoni;

(d) attwarji u servizzi ta' attwarji, u l-persuni jew organizzazzjonijiet li jistgħu jaġixxu f'dik il-kariga;

(e) il-ħtiġiet, dmirijiet, kondizzjonijiet jew obbligazzjonijiet oħra li għandhom jitħarsu minn kumpanniji ta' assigurazzjoni u minn kull persuna liċenzjata jew awtorizzata taħt dan l-Att jew xi regolament magħmul bis-saħħa tiegħu, sabiex jitmexxew b'mod xieraq u aħjar l-attivitajiet tagħhom;

(f) kull ħaġa dwar jew li għandha x'taqsam mal-Fond ta' Assigurazzjoni mwaqqaf taħt l-artikolu 26 ta' dan l-Att;

(ġ) kull ħaġa li tista' jew li għandha tiġi preskritta jew ipprojbita taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(ħ) id-drittijiet li għandhom jingħabru dwar kull ħaġa provduta b'dan l-Att jew taħtu jew xi regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu;

(i) il-penalitajiet jew pieni oħra li jistgħu jeħlu l-persuni li jiksru jew jonqsu li jħarsu xi dispożizzjoni ta' xi regolament magħmul kif intqal qabel, liema penalitajiet ma jkunux iktar minn elf

lira dwar kull reat u dwar kull reat li jkompli sejjer penali oħra ta' mhux iżjed minn mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

(2) Il-Ministru jista' ukoll b'regolamenti taħt dan l-artikolu jestendi u jagħmel applikabbli kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għal kull attività li fil-fehma tiegħu għandha, fl-interess pubbliku tiġi regolata b'dawk id-disposizzjonijiet.

(3) Ħlief fejn xi regolament magħmul taħt dan l-artikolu ma jipprovdix għal piena anqas, kull persuna li taġixxi bi ksur ta' jew li tonqos li tħares xort'oħra xi regolament bħal dak teħel penali ta' mhux iżjed minn elf lira dwar kull reat u fil-każ ta' reat li jkompli sejjer penali oħra ta' mhux iżjed minn mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

(4) F'dan l-artikolu, u għall-finijiet ta' kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, "rati ta' assigurazzjoni" tfisser il-proporzjon tal-*premium* ma' l-ammont assigurat u tinkludi, skond kif ir-rabta tal-kliem teħtieġ, jew il-korrispettiv li għandu jitħallas jew jintalab għal kuntratti ta' assigurazzjoni, magħduda *surety bonds*, jew l-elementi u l-fatturi li jiffurmaw il-bażi ta' kif dawn għandhom jiġu stabbiliti jew applikati, jew it-tnejn.

Fond ta' Assigurazzjoni.

26. (1) Għandu jitwaqqaf fond, li jkun magħruf u li b'dan l-Att qed jissejjaħ "Fond ta' Assigurazzjoni", għall-ħlas ta' kull talba kontra kumpannija ta' assigurazzjoni liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni f'Malta li tibqa' ma titħallasx minħabba insolvibbilità ta' dik il-kumpannija, u għal dawk l-għanijiet l-oħra dwar assigurazzjoni, magħdud kumpens lil vittmi ta' disgrazzji tat-traffiku, li jiġu preskritti, skond dawk il-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li jiġu preskritti.

(2) Il-Fond ta' Assigurazzjoni jkun magħmul mill-ħlasijiet kollha li jsiru fih taħt dan l-Att u kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, u mill-attiv u mid-dħul l-ieħor kollu tiegħu.

(3) Il-kumpanniji kollha liċenzjati biex imexxu l-impriża ta' assigurazzjoni f'Malta għandhom jikkontribwixxu għall-Fond ta' Assigurazzjoni dawk l-ammonti li jiġu preskritti, u jistgħu ikunu hekk dovuti ammonti differenti minn kumpanniji li jagħmlu xorta differenti ta' impriża ta' assigurazzjoni.

(4) Il-Fond ta' Assigurazzjoni għandu jkun amministrat u xort'oħra jitmexxa skond regolamenti magħmula taħt l-artikolu 25 ta' dan l-Att:

Iżda għandhom jiġu trattati separatament il-ħlasijiet li jsiru fil-fond minn kumpanniji ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, li għandhom jiġu wżati biss għal ħruġ li jsir dwar kumpanniji ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, u il-ħlasijiet li jsiru fih minn kumpanniji ta' assigurazzjoni mhux marbuta mal-ħajja, li għandhom jiġu wżati biss għal ħruġ li jsir dwar dawk il-kumpanniji ta' assigurazzjoni mhux marbuta mal-ħajja:

Iżda wkoll ma għandu jsir ebda ħlas mill-Fond ta' Assigurazzjoni lil xi persuna li tkun proprjetarja ta' jew tikkontrolla, direttament jew indirettament, ħamsa u għoxrin fil-mija jew iżjed tal-jeddijiet jew azzjonijiet li jagħtu dritt għal vot ta' l-assiguratur insolventi.

Reati minn diretturi u *managers*.

27. Kull persuna li tkun direttur jew *manager* jew uffiċjal ieħor ta' kumpannija —

(a) li tonqos li tieħu l-passi kollha xierqa biex jiġi żgurat li l-kumpannija tħares kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew ta' xi liċenza, awtorità jew permess maħruġ bis-saħħa tagħhom; jew

(b) li tonqos li tieħu l-passi kollha xierqa biex jiġi żgurat li d-dikjarazzjonijiet jew informazzjoni oħra mogħtija taħt xi waħda mill-imsemmija disposizzjonijiet,

teħel għal kull reat, u bla ħsara għal kull penali oħra li għandha titħallas taħt dan l-Att jew taħt xi regolmenti magħmula bis-saħħa tiegħu, penali ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira, jew, jekk tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Ġbir ta' penalitajiet.

28. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-penalitajiet kollha taħt dan l-Att għandhom, fuq it-talba ta' l-Avukat Ġenerali b'ċitazzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ, jiġu stabbiliti mill-Qorti u jingabru bħal dejn ċivili dovut lill-Gvern.

(2) Meta l-Avukat Ġenerali jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna għandha tħallas penali taħt dan l-Att, u fih jispeċifika x-xorta tar-reat u jindika l-ammont dovut bħala penali dwar dak ir-reat, u l-persuna li lilha jingħata l-avviż ma toġġezzjonax, b'oġġezzjoni bil-miktub mogħtija lill-Avukat Ġenerali, għall-avviż fiż-żmien (li ma jkunx inqas minn ħmistax-il jum mill-ogħti ta' l-avviż) speċifikat fih għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont, jew tiftiehem li tħallas, jew fil-fatt tħallas, dak l-ammont, il-persuna li lilha jingħata l-avviż għandha titqies għall-finijiet kollha li tkun weħlet penali taħt dan l-Att u l-ammont indikat kif intqal qabel bħala dovut għall-penali għandu jitqies għall-finijiet kollha li hu l-penali dovut u li għandu jitħallas taħt dan l-Att dwar ir-reat speċifikat fih.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 506 tat-2 ta' Ġunju, 1981.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati